Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,519, 10 ta' Ottubru, 2025
Taqsima B

A.L. 225 of 2025

ATT DWAR AZZJONIJIET RAPPREŻENTATTIVI TAL-KONSUMATURI
(KAP. 635)

Ordni tal-2025 li jemenda l-Iskeda li tinsab mal-Att dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 22 tal-Att dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi, il-Ministru responsabbli għall-affarijiet tal-konsumatur bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2025 li jemenda l-Iskeda li tinsab mal-Att dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Iskeda li tinsab mal-Att dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi, hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-"Iskeda". Kap. 635.

Jemenda l-Iskeda.

2. Minnufih wara l-partita (67) tal-Iskeda għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"(68) Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali).".